**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 398/2021 AGV ;</u>**

AB u permezz ta' prokura datata 30 ta' Jannar 2020, l-Avukat Dr Noella Sciriha li qed tidher fuq dal-att ghan-nom u in rapprezentanza ghall-assenti CDE

**Il-Qorti rat ir-rikors tal-partijiet datat 7 ta' Settembru 2021 fejn esponew;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fid- 9 ta' Settembru 2019, skont certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A, u minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
2. Illi l-partijiet isseparaw fil- 5 ta' Frar 2020 permezz ta' kuntratt ta' separazzoni, in atti Dr Annemarie Agius (anness u mmarkat Dok. B), u ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzoni bejniethom stante li

minbarra li ilhom iktar minn sena ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin, u kull parti ghandha rabtiet ohra.

3. Illi skont l-imsemmi kutratt ta' seperazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin.
4. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal- ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiz-zmiem imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi rregistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**